MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 21/2012

**A B**

**Vs**

**C D u id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-3 ta' April 2012 M B giet mahtura kuratrici deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri L D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi fit-30 ta' Jannar 2009 minn relazzjoni extramaritali li kellha twelditilha tarbija li jisimha L D (certifikat tat-twelid anness Dok A);

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Ilayda, jidher illi hija tigi bint l-intimat C D, li lilu l-attrici kienet mizzewga, u li minnu illum hija legalment separata;

Illi fil-fatt il-minuri Ilayda ma hijiex il-bint naturali tal-intimat C D kif jirrizulta mit-testijiet tad-DNA hawn esebiti bhala Dok B;

Illi il-fatti hawn fuq dikjarati tafhom l-attrici A B personalment;

Talbet in vista tal-premess li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara illi il-minuri L li twieldet lir-rikorrenti A B fit-30 ta' Jannar 2009 ma hijiex il-bint naturali tal-intimat C D, izda bint missier mhux maghruf.
2. konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Ilayda, liema certifikat jgib in-numru ta' iskrizzjoni 560/2009 fis-sens illi fil-kolonna indikattiva ta' isem missier it-tarbija li huwa indikat bhala 'C D' jidhlu minflok il-kliem 'Unknown Father' u li l-konnottati kollha tal-imsemmi C D jigu kkancellati mill-istess certifikat;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi in vena preliminari wkoll jinghad li stante l-fatt li ghaddew iktar minn stit xhur mit-twelid tal-minuri Ilayda, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77 C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri Ilayda, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghall-procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri Ilayda D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita' fizika tal-kongugiment bejnha u bejn zewgha C D u dan tul il-perijodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri Ilayda D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 560 tas-sena 2009;
5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Ilayda Grech, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiz-zwieg tal-inqas ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;
6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 560 tas-sena 2009;
7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku:

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri L D *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldet nhar it-30 ta' Jannar 2009 u cioe' fi zmien meta kienet ghadha tghix mal-intimat zewgha C D u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat C D, imma l-istess minuri m'hijiex bintu naturali. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li C D m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf.

Min-naha tieghu, l-intimat C D ma jopponix ghat-talba tar-rikorrent u jiddikjara li m'huwiex il-missier tal-minuri tant li jghid li qatt ma wera x-xewqa li jaraha u qatt ma mantniha.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mar-rekwizit li din il-kawza kellha tkun preceduta b'rikors u l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex tipprocedi bl-istess kawza u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C, l-Qorti tirrileva li din gie survolata permezz ta' talba verbali li saret fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2013, liema talba giet milqugha fl-istess seduta.

Illi il-Qorti tirrileva li *ai termini* tal-hames eccezzjoni tieghu, d-Direttur tar-Registru Pubbliku irrileva li f'kaz li r-rikorrenti tissupera l-presunzjonijiet legali kollha relatati mal-paternita' tal-istess minuri, ghandha, fl-ahjar interessi tal-minuri, tispecifika min hu ezatt missier il-minuri halli b'hekk ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke b'applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. *Stante* li minkejja li r-rikorrenti xehdet anke verbalment li ma tafx fejn jista' jkun tali ragel tant li tghid biss li ltaqghet mieghu ftit drabi u kienet taf biss ismu, Turan, il-Qorti m'ghandha ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi fuq il-provi li ghandha quddiemha, liema provi ma jwasslux ghall-individwalizzazzjoni tal-persuna li allegatament hija l-missier tal-minuri u konsegwentement ma tista' ssir l-ebda talba sabiex jigi msejjah fil-kawza.

L-eccezzjonijiet rimanenti Direttur tar-Registru Pubbliku (hlief ghall-hames eccezzjoni fejn gie rilevat li hu fl-ahjar interess tal-minuri li l-istess minuri tkun taf min hu l-allegat missier u jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili) iduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieldet nhar it-30 ta' Jannar 2009[1], fi zmien meta kienet ghadha qed tghix mal-intimat zewgha, l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tal-istess zewgha. Naturalment, *stante* li l-konjugi kienu ghadhom mizzewgin u jghixu taht l-istess saqaf, l-ebda perjodu ta' tlett mitt (300) gurnata ma seta' qatt jibda jiddekorri u konsegwentement, ma kienx hemm raguni valida sabiex l-istess minuri ma tigix mnizzla bhala bint l-intimat.

[1] Ara a fol 8 tal-process

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Ilayda verament mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri mhijiex it-tifla tal-intimat. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Ilayda li twieldet nhar it-30 ta' Jannar 2009 m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D izda wild ta' missier mhux maghruf;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Ilayda D b'dan illi l-konnotati tal-intimat C D jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf.

(3) Tordna ukoll illi l-kliem "the said", li jinsabu qabel isem C D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 560 tas-sena 2009

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Esebit a fol 67 tal-process